DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-5 ta' Frar 2010

dwar l-adegwatezza tal-awtoritajiet kompetenti ta' ċerti pajjiżi terzi skont id-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(notifikata bid-dokument numru C(2010) 590)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2010/64/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-verifiki statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati, li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 84/253/KEE [1], u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 47(3) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikoli 47(1) u 53 tad-Direttiva 2006/43/KE, sa mid-29 ta' Ġunju 2008, awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jippermettu biss it-trasferiment ta' dokumenti ta' ħidma tal-awditjar jew dokumenti oħrajn li jinżammu minn awdituri statutorji jew ditti tal-awdituri lill-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiż terz meta l-awtoritajiet ġew iddikjarati adegwati mill-Kummissjoni u jeżistu arranġamenti reċiproki għal ħidma bejnhom u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri konċernati. Għalhekk jeħtieġ li jiġi determinat liema awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi huma adegwati għall-għan ta' trasferiment ta' dokumenti ta' ħidma tal-awditjar jew dokument oħrajn li jinżammu minn awdituri statutorji jew ditti tal-awdituri lill-awtorijiet kompetenti ta' pajjiż terz.

(2) Trasferiment ta' dokumenti ta' ħidma tal-awditjar jew dokumenti oħrajn li jinżammu minn awdituri statutorji jew ditti tal-awdituri lill-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiż terz jirrifletti interess pubbliku sostanzjali relatat mat-twettiq ta' sorveljanza pubblika indipendenti. Skont dan, kwanlunkwe tali trasferiment mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, għandu jseħħ biss għall-iskopijiet tal-eżerċizzju tal-kompetenzi tas-sorveljanza pubblika, l-iżgurar estern tal-kwalità u l-investigazzjonijiet ta' awdituri u ditti tal-awdituri mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz konċernat. Il-persuni impjegati attwali jew ta' qabel mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz li jirċievu informazzjoni ikunu suġġetti għall-obbligu tas-segretezza professjonali.

(3) Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta [2] tapplika għall-ipproċessar ta' dejta personali li jsir skont din id-Direttiva. Għalhekk, meta trasferiment ta' dokumenti ta' ħidma tal-awditjar jew dokumenti oħrajn li jinżammu minn awdituri statutorji jew ditti tal-awdituri lill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi terzi msemmija hawn taħt, jinvolvi l-kxif ta' dejta personali, għandu dejjem jitwettaq skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 95/46/KE. L-Istati Membri għandhom jiżguraw, permezz ta' arranġamenti ta' ħidma f'konformità mal-Kapitolu IV tad-Direttiva 95/46/KE bejn l-awtoritajiet kompetenti tagħhom u l-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi, li dawn tal-aħħar ma jkomplux jikxfu dejta personali inkluża f'dokumenti ta' ħidma tal-awditjar trasferiti jew dokumenti oħra miżmuma minn awdituri statutorji jew kumpaniji tal-awditjar mingħajr il-qbil minn qabel tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri konċernati. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta ġie kkonsultat rigward id-Deċiżjoni attwali.

(4) L-adegwatezza ta' awtoritajiet kompetenti ta' pajjiż terz għandha tiġi vvalutata fid-dawl tar-rekwiżiti tal-kooperazzjoni skont l-Artikolu 36 tad-Direttiva 2006/43/KE jew riżultati funzjonali essenzjalment ekwivalenti. B'mod partikolari, l-adegwatezza għandha tiġi vvalutata fid-dawl tal-kompetenzi li jeżerċitaw l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz ikkonċernat, is-salvagwardji kontra l-ksur tar-regoli ta' segretezza u l-kunfidenzjalità professjonali implimentati minnhom u s-setgħa tagħhom skont il-liġijiet u r-regolamenti tagħhom biex jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.

(5) Billi l-awdituri u d-ditti tal-awdituri ta' kumpaniji Komunitarji li ħarġu titoli fis-swieq tal-Kanada, il-Ġappun jew l-Iżvizzera, jew li jagħmlu parti minn grupp li jippubblika kontijiet konsolidati statutorji f'dawk il-pajjiżi, huma rregolati skont il-liġijiet domestiċi ta' dawk il-pajjiżi, għandu jiġi deċiż jekk l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħux jittrasferixxu dokumenti ta' ħidma tal-awditjar jew dokumenti oħrajn li jinżammu minn awdituri statutorji jew ditti tal-awdituri lill-awtoritajiet kompetenti ta' dawk il-pajjiżi għall-iskopijiet biss tal-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħhom tas-sorveljanza pubblika, l-iżgurar estern tal-kwalità u l-investigazzjonijiet ta' awdituri u ditti tal-awdituri.

[1] ĠU L 157, 9.6.2006, p. 87.

[2] ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

(6) Il-valutazzjonijiet tal-adegwatezza għall-għanijiet tal-Artikolu 47 tad-Direttiva 2006/43/KE fir-rigward tal-awtoritajiet kompetenti tal-Kanada, il-Ġappun u l-Iżvizzera twettqu. Deċizjonijiet dwar l-adegwatezza għandhom jittieħdu abbażi ta' dawk il-valutazzjonijiet fir-rigward ta' dawk l-awtoritajiet.

(7) Il-Canadian Public Accountability Board għandu l-kompetenza fis-sorveljanza pubblika, l-iżgurar estern tal-kwalità u l-investigazzjonijiet ta' awdituri u ditti tal-awdituri. Timplimenta salvagwardji adegwati li jipprojbixxu u jissanzjonaw il-kxif ta' tagħrif kunfidenzjali mill-impjegati attwali jew ta' qabel lil kwalunkwe terza persuna jew awtorità. L-Awtorità għandha tuża biss id-dokumenti ta' ħidma tal-awditjar trasferiti jew dokumenti oħrajn li jinżammu minn awdituri statutorji jew ditti tal-awdituri għal għanijiet relatati mas-sorveljanza pubblika, l-iżgurar estern tal-kwalità u l-investigazzjonijiet ta' awdituri u ditti tal-awdituri. Skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-Kanada, il-Bord jista' jittrasferixxi dokumenti ta' ħidma tal-awditjar jew dokumenti oħrajn li jinżammu mill-awdituri Kanadiżi jew ditti tal-awdituri lill-awtoritajiet kompetenti ta' kwalunkwe Stat Membru. Abbażi ta' dan, il-Bord Kanadiż għal Kontabbiltà Pubblika għandu jiġi ddikjarat adegwat għall-għan tal-Artikolu 47(1) tad-Direttiva 2006/43/KE.

(8) Il-Financial Services Agency tal-Ġappun u s-Certified Public Accountants and Auditing Oversight Board fi ħdan il-Financial Services Agency tal-Ġappun għandhom kompetenza fis-sorveljanza pubblika, l-iżgurar esterna tal-kwalità u l-investigazzjonijiet ta' awdituri u ditti tal-awdituri. Din id-Deċiżjoni għandha tkopri biss il-kompetenzi tal-Financial Services Agency biex tinvestiga awdituri u ditti tal-awdituri. Il-Financial Services Agency tal-Ġappun u s-Certified Public Accountants and Auditing Oversight Board tal-Ġappun jimplimentaw salvagwardji adegwati li jipprojbixxu u jissanzjonaw il-kxif ta' tagħrif kunfidenzajli mill-impjegati attwali jew ta' qabel lil kwalunkwe terza persuna jew awtorità u għandhom jużaw biss id-dokumenti ta' ħidma tal-awditjar trasferiti jew dokumenti oħrajn li jinżammu minn awdituri statutorji jew ditti tal-awdituri għal għanijiet relatati mas-sorveljanza pubblika, l-iżgurar estern tal-kwalità u l-investigazzjonijiet ta' awdituri u ditti tal-awdituri. Skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-Ġappun, il-Bord jista' jittrasferixxi dokumenti ta' ħidma tal-awditjar jew dokumenti oħrajn li jinżammu mill-awdituri jew ditti tal-awdituri Ġappuniżi lill-awtoritajiet kompetenti ta' kwalunkwe Stat Membru. Abbażi ta' dan, il-Financial Services Agency tal-Ġappun u s-Certified Public Accountants and Auditing Oversight Board tal-Ġappun għandhom jiġu ddikjarati adegwati għall-għan tal-Artikolu 47(1) tad-Direttiva 2006/43/KE.

(9) Il-Federal Audit Oversight Authority tal-Iżvizzera għandha l-kompetenza fis-sorveljanza pubblika, l-iżgurar estern tal-kwalità u l-investigazzjonijiet ta' awdituri u ditti tal-awdituri. Timplimenta salvagwardji adegwati li jipprojbixxu u jissanzjonaw il-kxif ta' tagħrif kunfidenzajli mill-impjegati attwali jew ta' qabel lil kwalunkwe terza persuna jew awtorità. L-Awtorità għandha tuża biss id-dokumenti ta' ħidma tal-awditjar trasferiti jew dokumenti oħrajn li jinżammu minn awdituri statutorji jew ditti tal-awdituri għal għanijiet relatati mas-sorveljanza pubblika, l-iżgurar estern tal-kwalità u l-investigazzjonijiet ta' awdituri u ditti tal-awdituri. Skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-Iżvizzera, il-Bord jista' jittrasferixxi dokumenti ta' ħidma tal-awditjar jew dokumenti oħrajn li jinżammu mill-awdituri Żvizzeri lill-awtoritajiet kompetenti ta' kwalunkwe Stat Membru. Abbażi ta' dan, il-Federal Audit Oversight Authority of Switzerland għandha tiġi ddikjarata adegwata għall-għan tal-Artikolu 47(1) tad-Direttiva 2006/43/KE.

(10) It-trasferiment ta' dokumenti ta' ħidma tal-awditjar għandu jinkludi aċċess għal jew trażmissjoni lill-awtoritajiet iddikjarati adegwati skont din id-Deċiżjoni ta' dokumenti ta' ħidma tal-awditjar jew dokumenti oħrajn li jinżammu minn awdituri statutorji jew ditti tal-awdituri, skont ftehim minn qabel tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, u aċċess għal jew trażmissjoni ta' dawn id-dokumenti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri lil dawk l-awtoritajiet. Bħala riżultat, awdituri statutorji u ditti tal-awdituri ma għandhomx jitħallew jagħtu aċċess, jew jittrażmettu dokumenti ta' ħidma tal-awditjar jew dokumenti oħrajn li jinżammu minn awdituri statutorji jew ditti tal-awdituri lil dawk l-awtoritajiet taħt kundizzjonijiet oħrajn barra dawk stipulati f'din id-Deċiżjoni u fl-Artikolu 47 tad-Direttiva 2006/43/KE, pereżempju abbażi tal-kunsens tal-awditur statutorju, id-ditti tal-awdituri jew il-kumpanija li hija l-klijent.

(11) Din id-Deċizjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti ta' kooperazzjoni msemmijin fl-Artikolu 25(4) tad-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE [1].

(12) Billi din id-Deċiżjoni qed tittieħed fil-kuntest tal-perjodu tranżizzjonali mogħti lil certi awdituri u ditti tal-awdituri ta' pajjiżi terzi bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/627/KE tad-29 ta' Lulju 2008 li tikkonċerna perjodu ta' tranżizzjoni għal attivitajiet ta' verifika ta' ċerti awdituri u entitajiet ta' verifika [2] [tal-awditjar] ta' pajjiżi terzi, din id-Deċiżjoni ma għandhiex teskludi minn qabel il-possibbiltà ta' kwalunkwe deċiżjoni finali ta' ekwivalenza li l-Kummissjoni tista' tadotta skont l-Artikolu 46 tad-Direttiva 2006/43/KE.

[1] ĠU L 390, 31.12.2004, p. 38.
[2] ĠU L 202, 31.7.2008, p. 70.

(13) Din id-Deċiżjoni hija mmirata lejn l-iffaċilitar ta' kooperazzjoni effikaċi bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u dawk tal-Kanada, tal-Ġappun u tal-Iżvizzera sabiex jitħallew jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom ta' sorveljanza pubblika, żgurar tal-kwalità esterna u investigazzjonijiet u, fl-istess ħin, sabiex jitħarsu d-drittijiet talpartijiet konċernati. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, l-arranġamenti ta' ħidma konklużi ma' dawk l-awtoritajiet sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tivvaluta jekk il-kooperazzjoni sseħħx f'konformità mal-Artikolu 47 tad-Direttiva 2006/43/KE.

(14) L-għan finali tal-kooperazzjoni mal-Kanada, il-Ġappun u l-Iżvizzera fis-sorveljanza tal-awditjar huwa li tintlaħaq kunfidenza reċiproka fis-sistemi ta' sorveljanza ta' xulxin fejn it-trasferimenti ta' dokumenti ta' ħidma tal-awditjar ikunu l-eċċezzjoni. Il-kunfidenza reċiproka għandha tkun ibbażata fuq l-ekwivalenza ta' sistemi ta' sorveljanza tal-awdituri tal-Komunità u ta' dawk il-pajjiżi.

(15) Il-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit taħt l-Artikolu 48(1) tad-Direttiva 2006/43/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi li ġejjin għandhom jitqiesu adegwati għall-għan tal-Artikolu 47(1) tad-Direttiva 2006/43/KE:

(1) Il-Canadian Public Accountability Board;

(2) Il-Financial Services Agency tal-Ġappun;

(3) Is-Certified Public Accountants and Auditing Oversight Board tal-Ġappun;

(4) Il-Federal Audit Oversight Authority tal-Iżvizzera.

Artikolu 2

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 47(4) u skont l-Artikolu 53 tad-Direttiva 2006/43/KE, sa mid-29 ta' Ġunju 2008, kwalunkwe trasferiment ta' dokumenti ta' ħidma tal-awditjar jew dokumenti oħrajn li jinżammu minn awdituri statutorji jew ditti tal-awdituri għandu jkun suġġett jew għal approvazzjoni minn qabel mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru konċernat, jew għandu jitwettaq mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru konċernat.

2. It-trasferiment ta' dokumenti ta' ħidma tal-awditjar jew dokumenti oħrajn li jinżammu mill-awdituri statutorji jew ditti tal-awdituri ma għandux ikollu kwalunkwe għan ieħor ħlief is-sorveljanza pubblika, l-iżgurar estern tal-kwalità jew l-investigazzjonijiet ta' awdituri u ditti tal-awdituri.

3. Meta dokumenti ta' ħidma tal-awditjar jew dokumenti oħrajn li jinżammu minn awdituri statutorji jew ditti tal-awdituri, jinżammu esklussivament minn awditur statutorju jew ditta tal-awdituri rreġistrata fi Stat Membru ieħor barra l-Istat Membru fejn il-grupp ta' awdituri huwa rreġistrat u li l-awtorità kompetenti tiegħu tkun irċeviet talba għal trasferiment minn kwalunkwe awtorità msemmija fl-Artikolu 1, dawn il-karti jew dokumenti għandhom jiġu ttrasferiti biss lill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz konċernat jekk l-awtorità kompetenti talewwel Stat Membru tkun tat il-ftehim espress tagħha għat-trasferiment.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Frar 2010.

Għall-Kummissjoni

Charlie McCREEVY

Membru tal-Kummissjoni